# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 16 ta’ Jannar, 2002**

**Appell Nru 192/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Abela**
**Jeremy James Farrugia**
**Neil Carl Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Abela, Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia talli f’dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta’ April 2000, u matul ix-xhur ta qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzjoni wahda:

**(1)** matul il-lejl ta’ bejn is-6 ta’ April 2000 u is-7 ta’ April 2000 waqt li kienu f’Attard ikomettew serq ta’ vettura tal-ghamla Morris 1100, bin-numru tar-registrazjoni DAN 906, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, hin, mezz, u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, a detriment ta’ Leonard Grech minn Attard;

**(2)** fl-istess data, waqt li kienu B’Kara, f’xi hin bejn is-1.00 ta’ fil-ghodu u s-2.00 ta’ filghodu ikkommettew serq ta’ oggetti fosthom kwantita` ta’ fliexken ta’ xorb alkoholiku, mill-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket”, liema serq, li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket”, huwa kwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin, u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

**(3)** fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi bil-hsieb li jikkommettu serq ta’ oggetti mill-istabbiliment bl-isem “Prcie Club Discount Supermarket” urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema serq li kieku sehh kien ikun kwalifikat bil-vjolenza, hin, mezz u valur li jiskorri l-elf lira Maltija, a detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket”, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

**(4)** Jeremy James Farrugia u lil Neil Carl Farrugia wahedhom kienu akkuzati talli matul il-lejl ta' bejn il-31 ta' Marzu 2000 u l-1 ta' April 2000 ikommettew serq ta' oggetti fosthom kwantita` ta' fliexken ta' xorb alkoholiku, liema serq li sar a detriment tal-istabbiliment bl-isem "Price Club Discount Supermarket" huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

**(5)** talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi l-imsemmija Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia volomtarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li tiskorri il-valur ta' hamsin lira Maltija imma ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija, saret a-detriment tal-istabbiliment "Price Club Discount Supermarket";

**(6)** u aktar Jeremy James Farrugia wahdu matul il-lejl ta' bejn it-28 ta' Marzu 2000 u id-29 ta' Marzu 2000 waqt li kien f'B'Kara ikommetta serq ta' diversi oggetti fosthom kwantita` ta' fliexken tax-xorb, mill-istabbiliment "Price Club Discount Supermarket", liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, sar a detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment "Price Club Discount Supermarket";

**(7)** kif ukoll talli Jeremy James Farrugia wahdu fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli kew immobbli, liem hsara, li tiskorri il-valur ta' hamsin lira Maltija imma ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija, saret a detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment "Price Club discount Store";

**(8)** u aktar Jeremy James Farrugia, Neil Carl Farrugia kif ukoll lil Anthony Abela kienu akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' April 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom, liema hwejjeg misruqa gejjin minn serq kwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

**(9)** kif ukoll talli matul il-lejl ta' bejn is-6 ta' April 2000 u is-7 ta' April 2000 waqt li kienu f'Birkirkara, f'xi hin bejn is-1.00 ta' filghodu u is-2.00 ta' filghodu volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li tiskorri il-valur ta' hamsin lira Maltija imma ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija, saret a detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment "Price Club Discount Supermarket";

**(10)** Jeremy James Farrugia wahdu kien akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` s-surgent tal-Pulizija 1377 Emanuel Cilia, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzjoni ta' dak is-servizz;

**(11)** <u>Jeremy James Farrugia u lil Neil Carl Farrugia wahedhom</u> kienu akkuzati talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f'dagha;

**(12)** <u>Neil Carl Farrugia wahdu</u> talli matul il-lejl ta' bejn is-6 ta' April 2000 u is-7 ta' April 2000, f'dawn il-Gzejjer, saq il-vettura tal-ghamla Morris 1100, bin-numru tar-registrazzjoni DAN-906, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni;

**(13)** <u>Anthony Abela wahdu</u> kien ukoll akkuzat talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;

L-ewwel qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan lil Neil Carl Farrugia ghal dak il-perjodu ta' zmien li l-Qorti kien jidrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Ottubru, 2001, li permezz taghha dik il-qorti, ghal dak li jirrigwarda **Anthony Abela**, sabet lill-imsemmi Abela hati f'dawn it-termini: *"…qed issib lill-imputata ANTHONY ABELA hati tal-akkuza ta' serq bl-aggravju tal-valur, tal-mezz, tal-hin, tal-vjolenza u tan-natura tal-haga misruqa u <u>tikkundannah piena karcerarja ta' tmintax il-xahar minn liema periodu ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz</u>."*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Abela, minnu presentat fil-25 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2001; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. Ghandu jigi precizat li ghalkemm fil-parti konkluziva tas-sentenza – il-parti li tirrigwarda lill-appellant odjern giet riportata aktar 'l fuq *in corsivo* – jinghad "piena <u>karcerarja</u> ta' tmintax il-xahar", hu evidenti li hawn si tratta ta' piena ta' <u>prigunerija</u> ta' tmintax-il xahar. Jinghad ukoll li f'parti ohra tas-sentenza, li pero` ma gietx inkorporata fid-*decide*, l-ewwel qorti kienet sabet lill-appellant hati wkoll li huwa recidiv (ara fol. 451 tal-atti tal-kawza, pagna 14 tas-sentenza), ghalkemm ma specifikatx jekk din ir-recidiva kienitx skond l-Artkolu 49, l-Artikolu 50 jew skond l-Artikolu 289 – it-tlieta li huma gew indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, fol. 394.

L-appellant jilmenta li l-piena inflitta fuqu mill-ewwel qorti kienet eccessiva. Fir-rikors ta' appell hu jghid li "qieghed jaghmel minn kollox biex jirriabilita ruhhu mill-vizzju tax-xorb" u li ghalhekk "m'ghandux jigi

mcahhad mill-opportunita` li jkompli jaghmel dan l-isforz genwin”. Din il-Qorti tosserva, pero`, li ma ingabet ebda prova li l-appellant qieghed effettivament jaghmel xi sforz biex “jirriabilita ruhhu mill-vizzju tax-xorb”. Kullma hemm hija l-allegazzjoni tieghu f’dan is-sens fir-rikors ta’ appell. Fi kwalunkwe kaz, tenut kont tal-antecedenti penali tar-rikorrent, din il-Qorti mhix propensa li tikkunsidra varjazzjoni fil-piena erogata mill-ewwel qorti li, kollox ma’ kollox, kienet piena gusta.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur